**10** Suġġeriment prattiku li sar fil-Kunsill Pastorali Parrokjali kien li, almenu matul **is-Sena tal-Fidi,** il-Knisja tagħna tinżamm miftuħa iżjed fit-tul mis-soltu, biex min irid ikun jista' jiġi jagħmel ftit Adorazzjoni, fis-skiet, quddiem it-Tabernaklu, jew aħjar l-Ewkaristija.

(a) Il-Knisja se tkun miftuħa hekk:

- Mit-Tnejn sal Ġimgħa; 8.00a.m.- 11.00a.m.
  4.00p.m.- 8.00p.m.
- Is-Sibt; 8.00a.m.- 11.00a.m.

(b) Jixraq li meta tkun tista, iżżur lil Ġesu' Ewkaristija f'dawn il-ħinijiet.

(c) Jekk tista' toffri servizz biex tieħu ħsieb il-Knisja waqt xi ftit minn dawn il-ħinijiet, kellem lill-Kappillan.

(d) Ħajjar nies oħra biex matul **dis-SENA TAL-FIDI** jiġu jagħmlu Adorazzjoni f'dawn il-ħinijiet.

Veru li ma tistax tieħu sehem f'

**QUDDIESA KULJUM** ?

Kun sinċier/a

**Parroċċa Familja Mqaddsa, L-Iklin (79972444)**

# IS-SENA TAL-FIDI

**11 t'ottubru 2012—24 ta' novembru 2013**

*Kif jidher mis-Simbolu Uffiċjali **tas-Sena tal-Fidi**, iċ-ċentru ta' din is-Sena se tkun **L-EWKARISITJA**. Biex dan il-għan jintlaħaq tassew, jistgħu, u għandhom isiru ħafna affarijiet. Se nagħtu ftit suġġerimenti dwar kif **INT** tista' żżid fir-rispett lejn **L-EWKARISTIJA,** u tgħin oħrajn ukoll!*

**1** Il-Quddiesa tal-Ħadd għandha tkun iċ-ċentru tal-ġimgħa ta' kull nisrani, mhux tant għax is-sehem fiha hu obligu serju, imma iktar u iktar għax hu privileġġ ta' intimita' ma' Ġesu'— fil-Kelma tiegħu u fl-Ikla Mqaddsa.

**2** Dal-privileġġ tgawdihx waħdek. Matul **is-Sena tal-Fidi,** fittex b'kull mod li tressaq mill-ġdid lejn il-Quddiesa tal-Ħadd, lil xi wħud li għal xi raġuni jew oħra tbiegħdu minnha. Itlob, stieden, agħmel xi sagrifċċju.

**3** Il-privileġġ tal-Quddiesa mhux riservat għall-Ħadd. Tista' tgawdih kuljum. Matul **dis-Sena tal-Fidi**, kun sinċier u ara tistax tieħu sehem anke fil-Quddies ta' matul il-ġimgħa — jekk tista' anke kuljum. Jekk trid, probabbli tista'.

**4** Ipperswadi nies oħra biex jagħmlu bħalek. Ħafna ma jistgħux, sinċerament. Imma ħafna oħra, jekk iridu tassew, jistgħu jieħdu sehem fil-Quddiesa ta' matul il-ġimgħa. Kun **INT** li tressaqhom.

**5** Il-Quddiesa barra milli l-akbar Att ta' Fidi, hi ukoll attivita' tal-komunita' nisranija. U tkun hekk, iktar ma jieħdu sehem fiha nies b'mod attiv, direttament u indirettament. **<u>Għalhekk;</u>**

(a) **tul il-Quddiesa qis li tgħid it-talb kollu mal-oħrajn b'vuċi għolja, tkanta u tagħmel il-ġesti li tagħmel il-komunita (eż; għarkuptejna, bil-wieqfa eċċ.) dejjem jekk tista'.**

(b) **Jekk taħseb li tista', kellem lill-kappillan u offri lilek innifsek biex tagħti servizz:**

***I. bħala lettur (taqra);***
***II. bħala mexxej tal-kant/animatur;***
***III. bħala organista/kitarrista eċċ;***
***IV. bħala helper fit-tindif tal-Knisja;***
***V. bħala helper fl-arranġamenti tal-fjuri;***
***VI. bħala minister of welcome;***
***VII. bħala membru tal-Kummisjoni Liturġija.***

**6** Normalment, fil-Quddiesa proprja, sfortunatament, ma tantx ikun hemm ħin għal Ringrazzjament individwali wara t-Taqrbin. Imma ħadd ma jżommok milli tagħmel ftit minuti ta' Ringrazzjament privat wara l-Quddiesa. Ibda din l-idea **f'dis-Sena tal-Fidi.**

**7** L-attitudnijiet interni nuruhom b'ġesti esterni. Biex nuru l-fidi tagħna fl-Ewkaristija, il-ġest prinċipali / normali hu l-Ġenuflessjoni (Riverenza). Qis li dis-sena tagħmilha spiss u tajjeb, l-aħjar li tista', b'sens kbir ta' fidi, b'rasna baxxuta. Jekk tista' inżel għarkuptejk s'isfel nett.

**8** Drawwa antika li nixtiquha terġa taqbad, hi l-Vista: ftit ħin ta' talb u riflessjoni quddiem Ġesu' Ewkaristija, barra mill-ħin tal-Quddiesa. Ħu l-okkażjoni **tas-Sena tal-Fidi,** biex iddaħħalha fil-programm tal-ġurnata tiegħek – f'liema Knisja trid.

**9** Imbagħad fil-programm tal-ġimgħa, daħħal ukoll l-Adorazzjoni qasira li jkollna fil-Knisja tagħna, nhar ta' Ġimgħa wara l-Quddiesa tas-6.15p.m. Ma ddumx aktar minn 20 minuta. Mhux ħela ta' żmien. Altru!!!

F'din

# IS-SENA TAL-FIDI

# INT

GĦIN BIEX INSIRU IŻJED

# KOMUNITA'

tal-

# EWKARISTIJA.